MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Numru 276/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Versus**

**Amal Chiheb Vella.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Amal Chiheb Vella ta' 33 sena mwielda fil-15 ta' Mejju 1971 fil-Marokk bint Ahmed Chiheb u Fitna nee Elgafari u residenti St'Helen Flat 7 Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar u detentriċi tal-karta ta' l-identita' bin-numru 002061 A

2. Akkużata talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-13 ta' Settembru 2004 għal xi 20.30 fil-Qawra ikkaġunat ħsara volontarja fil-vettura LCC 798 għad-detriment ta' Mario Gauci ta'

Burmarrad Commercials liema ħsara hija aktar minn ħamsin lira €116iżda anqas minn €2330 elf lira .

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali kif ukoll ta’ l-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-current incident report a fol.14, l-istqarrija ta’ l-imputata (fol 16), l-istima tal-ħsara a fol 17, il-verbal li fih id-difiża u l-Prosekuzzjoni qablu li l-karozza LCC 798 hija propjeta’ ta’ Burmarrad Commercials u d-dokumenti lijuru li Burmarrad Commercials tħallsu tal-ħsara.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

6. Fit-13 ta’ Settembru 2004 ċertu Salem Alusi kien rraporta fl-għassa tal-Qawra li waqt li kien qed juża karozza Honda LCC 798 li tappartjeni lill-Burmarrad Commercials Limited kellu diskussjoni ma’ l-imputata li saret isterika u qabdet mazz ċwievet u bidet taħgti xi daqqiet ġol-karozza fejn fsot affarijiet oħra dan qabdet il-amterjal tas-saqaf, kissret l-indicator hands fuq in-naħa tax-xelllug ta’ l-isteering u kissret ukoll il-mera tal-karozza. L-istima tad-danni kollha telgħet għal €1457(Lm625.40).

**L-istqarrija ta’ l-imputata**

7. Fl-istqarrija tagħha l-imputata qalet li Salem Alusi kien fis-sakra u kien sawwatha wkoll. Hi talbitu jieqaf u għalliet idejha biex tipproteġi wiċċha . Hawn laqtet il-mera tan-nofs. (fol.16). Hija ma setgħetx tigref jew tqatta’ t-tapizzerija għaliex f’dak iż-żmien kellha t-tifel iż-żgħir. Kienet ukoll qed itpporteġi lit-tifel l-ieħor li kien imwerwer.

8. Meta niżlet mill-karozza ma riedx jagħtiha l-pushchair u bir-rabja qabdet u ksirret il-wiper ta' wara tal-karozza.

**9. Żiedet tgħid li hi ma kenitx taf li l-karozza kienet ta' ħadd ieħor.**

10. Emanuel Gauci xehed għal Burmarrad Commercials u ikkonferma li kienu tħallsu l-ammonti dovuti mill-inusurance. (fol.20).

11. Is-surġent maġġur 614 Saviour Garcia xehed li kien ħa l-current incident report li jidher a fol.14 u li fih kien hemm allegazzjonijiet magħmula minn Alouzi Salem li l-imputata kien għamlet xi ħsarat lill-karozza billi qaċċtet il-wiper tan-naħa ta' wara u dak ta' quddiem, kissret l-indicator hands tan-naħa tax-xellug u biċ-ċwievet ċarrtet is-saqaf tal-karozza.  Hija tat diversi daqqiet ta' sieq lill-karozza.

12. Salem Alouzi xehed li huwa kien beda jimbotta lill-imputata u waqqgħet il-mera, kissret il-wiper u 9ċarrtet) is-saqaf.  Imbagħad qal li l-mera kien waqqagħha hu. (fol.33).  Huwa qal li l-bieba tal-karozza nfetħet ħafna u laqtet il-mudguard mal-ġenb. Il-bieba kien fetħha hu stess. (fol.34).

13. Dwar il-grif fis-saqaf huwa qal li dan kien saru qisu biċ-ċavetta u żied jgħid:

'dak il-ħin ma sirt naf b'xejn.'

14. Iżda huwa ma kellux ċwievet f'idejh. (fol.35).

15. Dwar il-wiper, huwa qal li l-imputata żammet il-wiper u l-wiper spiċċa f'idejha.

16. A fol 37, l-ewwel ix-xhud xehed li lill-Pulizija kien irraportalha li l-ħsarat keinu għamluhom 'hu u l-imputata' u żewġt ivrus 'l isfel jgħid;

'Le mhux jiena.'

17***. Fl-aħħarnett huwa qal li ħallas il-claim tal-karozza.*** (fol.38).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

18. Ikkonsidrat li l-ewwel nett fl-istqarrija tagħha l-imputata ammettiet li kienet kissret il-mera tan-nofs kif ukoll il-wiper ta' wara tal-karozza. Dwar ix-xhieda li ta Salem Alouzi din mhix attendibbli għal kollox għaliex ma taqbilx ma' l-istess rapport li kien għamel hu. Per eżempju fir-rapport jgħid ċar u tond min gamel ħsara fis-saqaf; meta jixhed jgħid li dak il-ħin ma kienx jaf; Fir-rapport jgħid li l-imputata tat diversi daqqiet lill-bieba; bil-ġurament qal li l-bieba nfetħet u laqtet il-mudguard bil-verżjoni ta' l-aħħar mhix daqshekk possibbli għax prattikament dan ifisser li l-bieba tiftaħ disgħin grad.

19. Fit-trattazzjoni qamu żewġ argumenti. L-ewwel li d-dannu tħallas kollu. It-tieni li l-imputata kienet qed taqla' xebgħa u bit-tifel f'idejha kien impossibbli li taħgmel xi ħsara.

20. Dwar l-ewwel argument il-Qorti qed tagħmilha ċara li meta jitħallsu d-danni – sew mill-individwu kif ukoll mill-insurance – ma jfissirx li r-reat qisu ma sarx għax ir-reat jibqa' hemm xorta waħda.

21. Dwar it-tieni argument, huwa sinifikanti x'qalet l-imputata waqt l-istqarrija kemm dwar dak li kissret kif ukoll l-espressjoni li li kieku kienet taf li l-karozza ma kinitx ta' Salem Alouzi kieku ma kenitx sejra tmissha. Din is-sentenza turi li kienj hemm volontarjeta' fil-ħsara li seħħet.

22. Dwar l-ammont tal-ħsara, il-Qorti qed tikkonsidra li l-imputata kissret il-view mirror (Lm20) ir-rear wiper (Lm15.00) u r-right front wiper (Lm15) u l-wiper switch (Lm75.00). Jibqa' dubju dwar min wettaq il-ħsarat l-oħra.

**Konklużjoni**

23. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 321(1)(b) tal-Kap 9, u l-proviso ta' l-istess artikolu dwar il-provokazzjoni, qed issib

lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieha. Wara li qieset li l-imputata fil-mument tal-ħsarat kienet qed tissawwat, u wara li qieset il-fedina penali netta tagħha flok tikkundanna lill-imputata qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tnax-il xahar mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------